KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fl-14 ta' Ottubru 2020 [1]

Kawża C-469/19

All in One Star Ltd

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Libertà ta' stabbiliment – Kumpannija b'responsabbiltà limitata li tixtieq tistabbilixxi fergħa fi Stat Membru ieħor – Reġistrazzjoni fir-reġistru kummerċjali – Leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ospitanti li teżiġi l-indikazzjoni tal-ammont tal-kapital azzjonarju jew ta' valur komparabbli, kif ukoll ċerti dikjarazzjonijiet tad-direttur"

I. Introduzzjoni

1. Iż-żewġ domandi preliminari magħmula mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) jidħlu fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-istabbiliment ta' fergħa fi Stat Membru minn kumpannija ta' Stat Membru ieħor u l-marġni ta' manuvra li għandu l-Istat Membru ospitanti fir-rigward ta' dan l-istabbiliment. Dawn id-domandi huma r-riżultat, b'mod partikolari, tas-sentenzi Centros [2] u Inspire Art [3].

2. Konformement mat-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-konklużjonijiet ser ikunu limitati għall-analiżi tat-tieni domanda preliminari. Din tirrigwarda l-obbligi imposti, skont id-dritt Ġermaniż, fuq id-direttur ta' kumpannija ta' Stat Membru ieħor sabiex jipprovdi l-assigurazzjoni, fir-rigward tal-persuna tiegħu, li ma hemm ebda impediment għall-ħatra tiegħu u li, f'dan ir-rigward, ġie informat, b'mod partikolari minn nutar, dwar l-obbligu assolut tiegħu li jipprovdi f'dan ir-rigward kwalunkwe informazzjoni lill-qorti li żżomm ir-reġistru. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk dawn l-obbligi humiex konformi mad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Sentenza tad-9 ta' Marzu 1999 (C-212/97, EU:C:1999:126).

3 Sentenza tat-30 ta' Settembru 2003 (C-167/01, EU:C:2003:512).

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

3. L-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2017/1132[4], intitolat "Żvelar ta' dokumenti u dettalji li għandhom x'jaqsmu ma' fergħa", li jinsab fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu III tat-Titolu I, intitolata "Regoli ta' żvelar applikabbli għall-fergħat tal-kumpaniji minn Stati Membri oħra" ta' din id-direttiva, jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Id-dokumenti u d-dettalji li għandhom x'jaqsmu ma' fergħa miftuħa fi Stat Membru minn tip ta' kumpanija mniżżla fl-Anness II, li hija regolata bil-liġijiet ta' Stat Membru ieħor, għandhom jiġu żvelati skont il-liġijiet tal-Istat Membru tal-fergħa, skont l-Artikolu 16."

4. Skont l-Anness II tad-Direttiva 2017/1132, fir-rigward tar-Renju Unit, "compan[y] incorporated with limited liability" tikkostitwixxi waħda mill-forom ta' kumpanniji msemmija, b'mod partikolari, fl-Artikolu 29(1) ta' din id-direttiva.

5. L-Artikolu 30 tad-Direttiva 2017/1132, intitolat "Dokumenti u dettalji li jeħtieġ li jiġu żvelati", jistabbilixxi:

"1. L-iżvelar obbligatorju stipulat fl-Artikolu 29 jkopri biss id-dokumenti u d-dettalji li ġejjin:

(a) l-indirizz tal-fergħa;

(b) l-attivitajiet tal-fergħa;

(c) ir-reġistru li fih jinżamm il-fajl tal-kumpanija msemmi fl-Artikolu 16 flimkien man-numru tar-reġistrazzjoni f'dak ir-reġistru;

(d) l-isem u l-forma legali tal-kumpanija u l-isem tal-fergħa, jekk ikun differenti mill-isem tal-kumpanija;

(e) il-ħatra, it-tmiem tal-kariga u d-dettalji tal-persuni li huma awtorizzati li jirrappreżentaw lill-kumpanija meta tittratta ma' terzi u fi proċeduri legali;

[…]

(f) – l-istralċ tal-kumpanija, il-ħatra tal-istralċjarji, id-dettalji li jirrigwardawhom u l-poteri tagħhom u t-tmiem tal-likwidazzjoni skont iżvelar mill-kumpanija kif ipprovvdut fl-Artikolu 14(h), (j) u (k),

– il-proċeduri tal-falliment, l-arranġamenti, il-kompożizzjonijiet, jew kull proċediment ieħor analogu li għalihom hija suġġetta l-kumpanija;

(g) id-dokumenti ta' kontijiet skont l-Artikolu 31;

(h) l-għeluq tal-fergħa.

[4] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (ĠU 2017, L 169, p. 46).

2. L-Istat Membru li fih tkun infetħet il-fergħa jista' jiżvela, kif imsemmi fl-Artikolu 29,

[…]

(b) l-istrumenti tal-kostituzzjoni u l-memorandum u l-artikoli tal-assoċjazzjoni jekk ikunu jinsabu fi strument separat skont il-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 14, flimkien mal-emendi għal dawk id-dokumenti;

[…]"

B. Id-dritt Ġermaniż

1. Il-Kodiċi Kummerċjali

6. L-Artikolu 13e tal-Handelsgesetzbuch (il-Kodiċi Kummerċjali, iktar 'il quddiem il-"HGB"), intitolat "Fergħat ta' kumpanniji b'kapital azzjonarju li jkollhom is-sede tagħhom barra mill-pajjiż", jipprevedi:

"(1) Id-dispożizzjonijiet li ġejjin japplikaw, fuq bażi komplementari, […] għall-fergħat ta' […] kumpanniji b'responsabbiltà limitata ta' kumpanniji b'kapital azzjonarju li jkollhom is-sede tagħhom barra mill-pajjiż.

[…]

(3) […] Fir-rigward tar-rappreżentanti legali tal-kumpannija, id-dispożizzjonijiet […] tat-tieni u t-tielet sentenza tal-Artikolu 6(2) tal-Liġi dwar il-Kumpanniji b'Responsabbiltà Limitata japplikaw b'analoġija għall-fergħa.

[…]"

7. Il-paragrafi 1 sa 3 tal-Artikolu 13g tal-HGB, intitolat "Fergħat ta' kumpanniji b'responsabbiltà limitata li jkollhom is-sede tagħhom barra mill-pajjiż", jipprovdi:

"(1) Id-dispożizzjonijiet li ġejjin japplikaw, fuq bażi komplementari, għall-fergħat ta' kumpanniji b'responsabbiltà limitata li jkollhom is-sede tagħhom barra mill-pajjiż.

(2) Mad-dikjarazzjoni ta' reġistrazzjoni għandhom jiġu mehmuża kopja ċċertifikata konformi tal-kuntratt ta' kostituzzjoni tal-kumpannija, flimkien ma' traduzzjoni ċċertifikata fil-lingwa Ġermaniża meta dan il-kuntratt ma jkunx ifformulat bil-Ġermaniż. Għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tat-tieni punt tal-Artikolu 8(1), u tal-Artikolu 8(3) u 8(4) tal-Liġi dwar il-Kumpanniji b'Responsabbiltà Limitata. […]

(3) Ir-reġistrazzjoni tal-kostituzzjoni tal-fergħa għandu jkun fiha wkoll id-dettalji msemmija fl-Artikolu 10 tal-Liġi dwar il-Kumpanniji b'Responsabbiltà Limitata […]."

2. Il-Liġi dwar il-Kumpanniji b'Responsabbiltà Limitata

8. Skont l-Artikolu 6(2) tal-Gesetz betreffend die Gesellschaften mit beschränkter Haftung (il-Liġi dwar il-Kumpanniji b'Responsabbiltà Limitata (RGBI. 1898, p. 846, fil-verżjoni tagħha applikabbli fil-kawża prinċipali, iktar 'il quddiem il-"GmbHG"):

"Hija biss persuna fiżika li għandha l-kapaċità sħiħa li twettaq atti ġuridiċi li tista' tkun direttur. Ma tistax tkun direttur dik il-persuna li […];

2. hija pprojbita abbażi ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew deċiżjoni eżekuttiva ta' awtorità amministrattiva milli twettaq kwalunkwe attività fi professjoni, settur professjonali, attività tal-artiġjanat jew settur artiġjanali, meta l-għan tal-kumpannija jikkorrispondi parzjalment jew kompletament għall-għan ta' din il-projbizzjoni;

3. tkun ġiet ikkundannata għat-twettiq b'mod intenzjonat ta' ksur wieħed jew iktar (deskritt fl-ittri a) sa e) tat-tieni sentenza tal-punt 3 tal-Artikolu 6(2) tal-GmbHG).

It-tieni sentenza tal-punt 3 tapplika b'analoġija f'każ ta' kundanna barra mill-pajjiż minħabba ksur komparabbli għal dak imsemmi fil-punt 3 tat-tieni sentenza."

9. L-Artikolu 8 tal-GmbHG, intitolat "Kontenut tad-dikjarazzjoni", jipprevedi, fil-paragrafu 3 tiegħu:

"Fid-dikjarazzjoni, id-diretturi għandhom jipprovdu l-assigurazzjoni li ma hemm ebda impediment għall-ħatra tagħhom, fis-sens tal-punti 2 u 3 tat-tieni sentenza, u tat-tielet sentenza tal-Artikolu 6(2), u li ġew informati dwar l-obbligu assolut tagħhom li jipprovdu kwalunkwe informazzjoni lill-qorti. L-informazzjoni fis-sens tal-Artikolu 53(2) tal-Bundeszentralregistergesetz (il-Liġi dwar ir-Reġistru Ċentrali) tista' tingħata bil-miktub; tista' tingħata wkoll minn nutar, minn nutar maħtur barra mill-pajjiż, minn membru tal-professjoni legali komparabbli jew minn uffiċjal konsulari."

10. Skont l-Artikolu 82(1)(5) tal-GmbHG, l-awtur ta' dikjarazzjonijiet foloz magħmula "fil-kwalità tiegħu ta' direttur ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata jew fil-kwalità tiegħu ta' direttur ta' persuna ġuridika barranija, fl-assigurazzjoni li għandu jipprovdi konformement mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 8(3)", għandu jeħel sa tliet snin priġunerija jew multa.

3. Il-Liġi dwar ir-Reġistru Ċentrali

11. L-Artikolu 53 tal-Bundeszentralregistergesetz (il-Liġi dwar ir-Reġistru Ċentrali) tal-21 ta' Settembru 1984 (BGBl. 1985 I, p. 195 u 1229), intitolat "Obbligu ta' żvelar f'każ ta' kundanna", fil-verżjoni tagħha applikabbli wara d-29 ta' Lulju 2017 (iktar 'il quddiem il-"BZRG"), jipprovdi:

"(1) Il-persuni kkundannati jistgħu jiddikjaraw li ma għandhom l-ebda kundanna u ma humiex meħtieġa jiżvelaw il-fatti li taw lok għall-kundanna tagħhom, meta l-kundanna

1. ma jkollhiex għalfejn tidher fuq ċertifikat tal-kondotta jew fuq iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 32(3) u (4); jew

2. għandha titħassar.

(2) Meta l-qrati jew l-awtoritajiet ikollhom dritt mingħajr limitu li jitolbu informazzjoni, il-persuni kkundannati li ġew innotifikati dwar dan ma jistgħu jinvokaw fil-konfront tagħhom l-ebda dritt ibbażat fuq l-ewwel punt tal-paragrafu 1."

III. Il-fatti, il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u d-domandi preliminari

12. All in One Star Ltd hija kumpannija b'responsabbiltà limitata b'azzjonijiet (private company limited by shares) li ġiet irreġistrata fl-2013 fir-Reġistru Kummerċjali tal-Companies House f'Cardiff (ir-Renju Unit) u li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Great Bookham (ir-Renju Unit).

13. Fl-2014, All in One Star talbet lill-Amtsgericht Frankfurt am Main (il-Qorti Distrettwali ta' Frankfurt am Main, il-Ġermanja), bħala qorti li żżomm ir-reġistru, sabiex tirreġistra fergħa fir-reġistru kummerċjali.

14. Permezz ta' deċiżjoni interlokutorja, il-qorti li żżomm ir-reġistru informatha li t-talba għal reġistrazzjoni ma setgħetx tintlaqa' minħabba, b'mod partikolari, l-ewwel nett, li l-ammont tal-kapital azzjonarju ma kienx ġie indikat u, it-tieni nett, li, għalkemm id-direttur u soċju uniku tal-kumpannija kien ċertament żgura fit-talba tiegħu li, fir-rigward tal-persuna tiegħu, ma kien hemm ebda impediment għall-ħatra tiegħu fis-sens tal-punti 2 u 3 tat-tieni sentenza, u tat-tielet sentenza tal-Artikolu 6(2) tal-GmbHG, għall-kuntrarju huwa ma kienx żgura li kien ġie informat minn nutar, membru tal-professjoni legali komparabbli jew uffiċjal konsulari dwar l-obbligu assolut tiegħu li jipprovdi kwalunkwe informazzjoni lill-qorti. Din id-deċiżjoni kienet is-suġġett ta' rikors ta' All in One Star.

15. Permezz tad-digriet tat-8 ta' Awwissu 2017, l-Oberlandesgericht Frankfurt am Main (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Frankfurt am Main, il-Ġermanja) ċaħdet ir-rikors ta' All in One Star kontra dawn il-konstatazzjonijiet tal-qorti li żżomm ir-reġistru.

16. Għalhekk, All in One Star ippreżentat appell quddiem il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja). Dik il-qorti tikkunsidra li l-eżitu tat-tilwima mressqa quddiemha jiddependi mill-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artikolu 30 tad-Direttiva 2017/1132 u lill-Artikolu 49 u 54 TFUE.

17. Skont il-qorti tar-rinviju, ir-reġistrazzjoni fir-reġistru kummerċjali Ġermaniż ta' fergħa ta' kumpannija barranija hija rregolata mill-Artikolu 13d *et seq*. tal-HGB. Bħala kumpannija b'responsabbiltà limitata b'azzjonijiet (private company limited by shares), All in One Star tista' tiġi assimilata ma' kumpannija b'responsabbiltà limitata Ġermaniża (Gesellschaft mit beschränkter Haftung), b'tali mod li d-dispożizzjonijiet applikabbli għal dan it-tip ta' kumpannija japplikaw b'analoġija għar-reġistrazzjoni tal-fergħa Ġermaniża ta' All in One Star.

18. F'dan il-kuntest, ir-reġistrazzjoni ta' tali fergħa tippreżupponi, skont l-Artikolu 13g(3) tal-HGB, moqri flimkien mal-Artikolu 8(3) tal-GmbHG, li d-direttur tal-kumpannija jipprovdi, flimkien mat-talba għar-reġistrazzjoni tiegħu, l-assigurazzjoni li, fir-rigward tal-persuna tiegħu, ma hemm ebda impediment għall-ħatra tiegħu minn dawk imsemmija fil-punti 2 u 3 tat-tieni sentenza, u fit-tielet sentenza tal-Artikolu 6(2) tal-GmbHG. Barra minn hekk, skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 13g(2) tal-HGB, moqri flimkien mal-Artikolu 8(3) tal-GmbHG, id-direttur għandu wkoll jipprovdi l-assigurazzjoni li nutar, membru tal-professjoni legali komparabbli jew uffiċjal konsulari informah dwar l-obbligu assolut tiegħu li jipprovdi informazzjoni lill-qorti.

19. Il-qorti tar-rinviju tispjega li l-għan tal-obbligu li tiġi pprovduta tali assigurazzjoni huwa li titħaffef il-proċedura ta' reġistrazzjoni u ta' kontroll immexxija mill-qorti li żżomm ir-reġistru. Hija żżid li l-qorti li żżomm ir-reġistru tista', fil-prinċipju, titlob kwalunkwe informazzjoni, mingħajr ebda riżerva. L-Artikolu 53(2) tal-BZRG iżid il-kundizzjoni preliminari li l-persuna interessata tkun ġiet informata dwar l-obbligu assolut tagħha li tipprovdi kwalunkwe informazzjoni lill-qorti. Fl-assenza tal-għoti ta' tali informazzjoni, il-persuna interessata jkollha d-dritt f'ċerti sitwazzjonijiet li tiddikjara lilha nnifisha eżenti minn kwalunkwe piena kriminali. Għall-kuntrarju, l-obbligi li jirriżultaw mid-dritt Ġermaniż bl-ebda mod ma jaffettwaw il-pożizzjoni organika nnifisha li d-direttur jokkupa skont id-dritt barrani tal-kumpanniji, li japplika għalih, iżda jimpedixxu lid-direttur milli jitlob, bħala korp ta' din il-kumpannija, ir-reġistrazzjoni ta' fergħa fil-Ġermanja.

20. Barra minn hekk, matul il-proċedura tal-appell, il-mandatarju *ad litem* ta' All in One Star iddikjara li, konformement mal-Artikolu 8(3) tal-GmbHG, huwa kien informa lid-direttur ta' All in One Star, qabel ma dan ressaq it-talba għar-reġistrazzjoni tal-fergħa, dwar l-obbligu tiegħu li jipprovdi kwalunkwe informazzjoni lill-qorti li żżomm ir-reġistru. Issa, il-qorti tar-rinviju tindika li d-dikjarazzjoni għandha tiġi personalment mid-direttur debitament informat u tiġi rreġistrata f'dokument awtentiku ċċertifikat.

21. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tqis li, jekk l-obbligu li tiġi pprovduta assigurazzjoni, konformement mat-tieni sentenza tal-Artikolu 13g(2) tal-HGB, moqri flimkien mal-Artikolu 8(3) tal-GmbHG, jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2017/1132, dan ikun jikser din id-direttiva. Issa, dik il-qorti tinnota li, meta ġew adottati dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, il-leġiżlatur Ġermaniż qies li dawn ma kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/666/KEE [5], li kienet fis-seħħ.

22. Jekk dan l-obbligu li tiġi pprovduta assigurazzjoni ma jkunx jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2017/1132, tqum il-kwistjoni tal-kompatibbiltà tiegħu mad-dritt primarju u, b'mod iktar partikolari, mal-libertà ta' stabbiliment żgurata mill-Artikoli 49 u 54 TFUE. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tistaqsi fuq kollox jekk dan l-obbligu jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan imfittex minnu. Minn naħa, sa fejn l-istess obbligu jestendi wkoll għall-kumpanniji barranin, li d-diretturi tagħhom ikunu barranin, ma jistax ikun mistenni li dawn il-kumpanniji jkollhom għarfien sħiħ tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Ġermaniż dwar l-impedimenti għall-ħatra ta' diretturi ta' kumpanniji. Għalhekk, ikun diffiċli ħafna għal dawn id-diretturi barranin li jipprovdu assigurazzjoni li tikkorrispondi għall-verità. Min-naħa l-oħra, fl-assenza ta' indikazzjonijiet konkreti li jikkontestaw il-kapaċità ta' persuna sabiex tkun direttur, l-obbligu inkwistjoni jservi esklużivament sabiex jipprevjeni t-twettiq ta' abbużi eventwali mil-libertà ta' stabbiliment u ta' frodi minn rappreżentanti tal-kumpannija li ma humiex kompetenti fid-dawl tad-dritt intern.

[5] Il-Ħdax il-Direttiva tal-Kunsill tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-ħtiġiet ta' l-iżvelar rigward il-friegħi miftuħa fi Stat Membru minn ċerti tipi ta' kumpanniji rregolati bil-liġijiet ta' Stat ieħor (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 100, rettifiki fil-ĠU 2013, L 333, p. 83, u fil-ĠU 2017, L 10, p. 10).

23. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2017/1132 jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-inklużjoni fir-reġistru kummerċjali ta' fergħa ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata, li għandha s-sede tagħha fi Stat Membru ieħor, teżiġi l-indikazzjoni tal-ammont ta' kapital azzjonarju jew ta' valur ta' kapital ieħor komparabbli?

2) (a) L-Artikolu 30 tad-Direttiva 2017/1132 jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li, fil-mument tat-talba għall-inklużjoni fir-reġistru kummerċjali ta' fergħa ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata li għandha s-sede tagħha fi Stat Membru ieħor, id-direttur tal-kumpannija għandu jipprovdi assigurazzjoni, fir-rigward tal-persuna tiegħu, li ma hemm ebda impediment għan-nomina tiegħu skont id-dritt nazzjonali, fil-forma ta' projbizzjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li jeżerċita professjoni jew attività li tikkorrispondi kompletament jew parzjalment mal-għan tal-kumpannija, jew fil-forma ta' kundanna definittiva għal ċerti reati kriminali, u li f'dan ir-rigward, ġie informat minn nutar, membru tal-professjoni legali komparabbli jew [uffiċjal konsulari], bl-obbligu assolut tiegħu li jipprovdi informazzjoni lill-qorti?

(b) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għad-domanda 2(a):

L-Artikoli 49 u 54 TFUE jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li, fil-mument tat-talba għall-inklużjoni fir-reġistru kummerċjali ta' fergħa ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata li għandha s-sede tagħha fi Stat Membru ieħor, id-direttur tal-kumpannija għandu jipprovdi tali assigurazzjoni?"

24. All in One Star, il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. L-istess partijiet wieġbu wkoll bil-miktub għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, li ddeċidiet li tagħti d-deċiżjoni mingħajr ma tagħmel seduta.

IV. Analiżi tat-tieni domanda preliminari

25. Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2017/1132 jew l-Artikoli 49 u 54 TFUE jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li, fil-mument tat-talba għar-reġistrazzjoni fir-reġistru kummerċjali ta' fergħa ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata li għandha s-sede tagħha fi Stat Membru ieħor, il-persuna li tixtieq tiġi rreġistrata bħala direttur ta' din il-fergħa għandha tipprovdi l-assigurazzjoni, minn naħa, li ma hemm, fir-rigward tal-persuna tagħha, ebda impediment li jirriżulta mid-dritt nazzjonali għall-ħatra tagħha bħala direttur u, min-naħa l-oħra, li nutar, membru tal-professjoni legali komparabbli jew uffiċjal konsulari informaha dwar l-obbligu assolut tagħha li tipprovdi f'dan ir-rigward kwalunkwe informazzjoni lill-qorti li żżomm ir-reġistru.

26. Għandu jiġi nnotat li din id-domanda preliminari tinqasam f'żewġ partijiet: l-ewwel parti tirrigwarda l-evalwazzjoni tal-obbligi imposti mid-dritt Ġermaniż fir-rigward tad-Direttiva 2017/1132 u t-tieni parti tirrigwarda l-evalwazzjoni ta' dawn l-obbligi fid-dawl tal-Artikoli 49 u 54 TFUE.

27. F'dan il-kuntest, il-formulazzjoni tat-talba għal deċiżjoni preliminari tista' tissuġġerixxi li t-tieni parti tat-tieni domanda ssir biss jekk tingħata risposta negattiva għall-ewwel parti ta' din id-domanda. Issa, mill-motivi ta' din it-talba jirriżulta li t-tieni parti ssir f'każ fejn dawn l-obbligi ma jkunux koperti mid-Direttiva 2017/1132. Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' direttiva għandhom jiġu eżaminati fid-dawl tagħha, filwaqt li dawk li jirregolaw kwistjonijiet li ma jaqgħux f'dan il-kamp ta' applikazzjoni għandhom jiġu analizzati fid-dawl tad-dritt primarju [6].

28. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, wara analiżi minn qabel tal-ammissibbiltà tat-tieni domanda preliminari (taqsima A), jiena ser nanalizza ż-żewġ partijiet ta' din id-domanda fl-ordni stabbilita mill-qorti tar-rinviju (taqsimiet B u Ċ).

A. Fuq l-ammissibbiltà

29. Għalkemm l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari ma ġietx ikkontestata mill-partijiet, jidhirli li huwa xieraq li jiġi eżaminat dan l-aspett fir-rigward tat-tieni domanda preliminari.

30. Mill-formulazzjoni tagħha jista' jiġi dedott li din it-tieni domanda tikkonċerna żewġ obbligi – u żewġ assigurazzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti sabiex jitwettqu dawn l-obbligi – applikabbli meta kumpannija ta' Stat Membru tfittex li tistabbilixxi fergħa fi Stat Membru ieħor. L-ewwel obbligu jikkonsisti fil-provvista tal-assigurazzjoni li ma hemm, fir-rigward tad-direttur ta' din il-kumpannija, ebda impediment għall-ħatra tiegħu li jirriżulta mid-dritt Ġermaniż, u t-tieni obbligu huwa l-assigurazzjoni li nutar, membru tal-professjoni legali komparabbli jew uffiċjal konsulari jkun informa lid-direttur dwar l-obbligu assolut tiegħu li jipprovdi lill-qorti li żżomm ir-reġistru kwalunkwe informazzjoni li tikkonċerna tali impedimenti.

31. Mill-motivi tat-talba għal domanda preliminari jirriżulta li, fit-talba għar-reġistrazzjoni tal-fergħa, id-direttur ta' All in One Star iggarantixxa li ma kien jaqa' taħt ebda wieħed mill-impedimenti legali għall-ħatra tiegħu. Għall-kuntrarju, huwa ma pprovdiex l-assigurazzjoni li huwa kien ġie informat dwar l-obbligu assolut tiegħu li jipprovdi kwalunkwe informazzjoni lill-qorti li żżomm ir-reġistru.

32. Għalhekk, l-ammissibbiltà tat-tieni domanda tista' tqajjem ċerti dubji sa fejn din tikkonċerna l-ewwel obbligu. Madankollu, mingħajr interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali, ma huwiex possibbli li jiġi ddeterminat jekk, fl-assenza tal-assigurazzjoni dwar it-tieni obbligu, jistax jitqies li l-ewwel obbligu ġie ssodisfatt b'mod korrett fil-kawża prinċipali.

33. Fi kwalunkwe każ, mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li hija biss il-qorti nazzjonali, li hija adita bil-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tingħata, li tista' tevalwa, fir-rigward tal-karatteristiċi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li din tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja [7]. Għalhekk, jiena nipproponi li t-tieni domanda titqies li hija ammissibbli.

[6] Ara s-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Inspire Art (C-167/01, EU:C:2003:512, punt 73).

[7] Sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Raiffeisen Bank u BRD Groupe Societé Générale (C-698/18 u C-699/18, EU:C:2020:537, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

B. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali fid-dawl tad-Direttiva 2017/1132

34. Permezz tal-ewwel parti tat-tieni domanda, il-qorti tar-rinviju tfittex li tiddetermina jekk id-Direttiva 2017/1132 tipprekludix iż-żewġ obbligi applikabbli meta kumpannija ta' Stat Membru tfittex li tistabbilixxi fergħa fil-Ġermanja. Kif spjegajt fil-punt 27 ta' dawn il-konklużjonijiet, sabiex jiġu evalwati dawn l-obbligi fid-dawl tad-Direttiva 2017/1132, għandu jiġi ddeterminat minn qabel jekk dawn humiex koperti minn din id-direttiva. F'dan il-kuntest, qabel ma jsir l-eżami tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2017/1132, għandu jiġi stabbilit jekk din id-direttiva tapplikax *ratione temporis* għall-kawża prinċipali.

1. Fuq il-kamp ta' applikazzjoni ratione temporis

35. Il-qorti tar-rinviju tindika li r-rikorrenti ġiet irreġistrata fl-2013 fir-Renju Unit u talbet ir-reġistrazzjoni ta' fergħa fir-reġistru kummerċjali Ġermaniż fl-2014. Din tinnota li l-proċedura tal-appell ġiet ippreżentata qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2017/1132, fl-20 ta' Lulju 2017 [8]. Dik il-qorti tindika li hija, madankollu, obbligata tapplika, fil-proċedura tal-appell, id-dritt fis-seħħ fid-data tal-għoti tas-sentenza tagħha u, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet li jittrasponu d-Direttiva 2017/1132.

36. F'din il-linja ta' ħsieb, bħala tweġiba għall-mistoqsija tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rikorrenti u l-Gvern Ġermaniż jindikaw, bħall-qorti tar-rinviju, li, skont il-ġurisprudenza Ġermaniża, fil-kuntest ta' proċedura bħal dik fil-kawża prinċipali, għandha tiġi applikata s-sistema fis-seħħ fil-ġurnata tal-għoti tas-sentenza li tiddeċiedi l-appell.

37. Ċertament, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fis-sentenza I.G.I [9], li, billi l-fatti fil-kawża prinċipali kollha jippreċedu d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2017/1132, kienet id-direttiva preċedenti li kienet tapplika f'dak il-każ. Hija ppreżentat kunsiderazzjoni analoga fis-sentenza Miravitlles Ciurana *et* [10]. Dawn il-kunsiderazzjonijiet jistgħu jissuġġerixxu li d-Direttiva 2017/1132 lanqas ma tapplika fil-kawża prinċipali.

38. Madankollu, għandu jiġi nnotat, fl-ewwel lok, li ż-żewġ sentenzi ċċitati iktar 'il fuq kienu jikkonċernaw is-sistema applikabbli għall-avvenimenti li seħħew qabel il-preżentata tar-rikors [11]. Issa, din il-kawża tikkonċerna s-sistema applikabbli għar-reġistrazzjoni ta' fergħa u jibqgħu dejjem il-kundizzjonijiet applikati għal din ir-reġistrazzjoni li, essenzjalment, huma s-suġġett tal-kawża prinċipali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-kjarifiki konsistenti tal-qorti tar-rinviju u tal-partijiet fir-rigward tas-sistema applikabbli, fid-dritt Ġermaniż, fil-proċedura tal-appell, jiena ser neżamina t-tieni domanda fid-dawl tad-Direttiva 2017/1132.

39. Fit-tieni lok, kif inhu stabbilit fil-premessa 1 tagħha, id-Direttiva 2017/1132 hija kodifikazzjoni tad-direttivi fil-qasam tad-dritt tal-kumpanniji. L-effett ta' din il-kodifikazzjoni kien, b'mod partikolari, is-sostituzzjoni tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/666 bl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2017/1132, mingħajr bidla fis-sustanza tiegħu. L-Artikolu 166 tad-Direttiva 2017/1132 jippreċiża li t-tħassir tad-Direttiva 89/666 huwa bla ħsara għall-obbligi

[8] Ara l-Artikolu 167 tad-Direttiva 2017/1132.

[9] Ara s-sentenza tat-30 ta' Jannar 2020 (C-394/18, EU:C:2020:56, punt 38).

[10] Ara s-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2017 (C-243/16, EU:C:2017:969, punti 3 u 9).

[11] Fil-fatt, is-sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, I.G.I. (C-394/18, EU:C:2020:56, punt 38), kienet tirrigwarda *actio pauliana* ppreżentata kontra att ta' diviżjoni, filwaqt li s-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2017, Miravitlles Ciurana *et* (C-243/16, EU:C:2017:969, punti 3 u 9), kienet tirrigwarda azzjoni għad-danni bbażata fuq kreditu salarjali.

tal-Istati Membri fir-rigward tat-traspożizzjoni tad-direttivi fil-qasam tad-drittijiet tal-kumpanniji. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni tindika li r-referenzi għad-direttivi mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għad-Direttiva 2017/1132.

40. Fl-aħħar u fit-tielet lok, il-kunsiderazzjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2017/1132 *ratione temporis* għall-kawża prinċipali ma tiġix ikkontestata mill-fatt li sadanittant din id-direttiva kienet is-suġġett ta' diversi modifiki introdotti mid-Direttiva 2019/1151, li l-partijiet jagħmlu riferiment għalihom sabiex jiddeterminaw il-kontenut tas-sistema applikabbli skont id-Direttiva 2017/1132. F'dan il-kuntest, il-Gvern Ġermaniż jispjega li, fid-dritt Ġermaniż, l-applikazzjoni għall-kawża prinċipali tal-modifiki magħmula fid-Direttiva 2017/1132 mid-Direttiva (UE) 2019/1151 [12] ma tistax tiġi prevista minħabba li t-termini għat-traspożizzjoni rilevanti msemmija fl-Artikolu 2 ta' din l-aħħar direttiva għadhom ma skadewx. Barra minn hekk, nosserva li, għall-kuntrarju tad-Direttiva 2017/1132 li baqgħet bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tat-traspożizzjoni ta' direttivi preċedenti, id-Direttiva 2019/1151 tistabbilixxi dati ta' traspożizzjoni għall-modifiki li hija tintroduċi.

41. Għalhekk, issa għandu jiġi ddeterminat jekk id-Direttiva 2017/1132 tapplikax *ratione materiae* fil-kawża prinċipali.

2. Fuq il-kamp ta' applikazzjoni ratione materiae

42. Fl-Artikolu 1 tagħha, id-Direttiva 2017/1132 tipprovdi li hija tistabbilixxi miżuri dwar, b'mod partikolari, l-iżvelar tal-fergħat miftuħa fi Stat Membru minn ċerti tipi ta' kumpanniji li jaqgħu taħt id-dritt ta' Stat Membru ieħor [13]. Id-dispożizzjonijiet dwar dawn il-miżuri huma inklużi fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu III tat-Titolu I ta' din id-direttiva, intitolata "Regoli ta' żvelar applikabbli għall-fergħat tal-kumpaniji minn Stati Membri oħra".

43. F'dan il-kuntest, konformement mal-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 2017/1132, id-dokumenti u d-dettalji li jikkonċernaw il-fergħat miftuħa fi Stat Membru minn kumpannija li hija waħda tat-tipi mniżżla fl-Anness II, li taqa' taħt id-dritt ta' Stat Membru ieħor, jiġu żvelati skont id-dritt tal-Istat Membru li fih tinsab il-fergħa. Il-qorti tar-rinviju tindika li, bħala private company limited by shares, ir-rikorrenti hija inkluża fost il-kumpanniji tar-Renju Unit imsemmija fl-Anness II għad-Direttiva 2017/1132 (companies incorporated with limited liability). Konsegwentement, kif tikkunsidra l-qorti tar-rinviju f'dan il-każ, id-dokumenti u d-dettalji dwar fergħa tar-rikorrenti huma suġġetti għar-regoli ta' żvelar tat-Taqsima 2 ta' din id-direttiva, inkluż dawk previsti fl-Artikolu 30 tagħha.

44. Madankollu, tqum il-kwistjoni dwar jekk l-assigurazzjonijiet dwar l-obbligi previsti fid-dritt Ġermaniż jikkostitwixxux dokumenti jew dettalji koperti mill-obbligu ta' żvelar stabbilit fl-Artikolu 29 *et seq*. tad-Direttiva 2017/1132.

[12] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 fir-rigward tal-użu ta' għodod u proċessi diġitali fil-liġi dwar il-kumpaniji (ĠU 2019, L 186, p. 80).

[13] Għandu jiġi nnotat li, mill-inqas sa tmiem il-perijodu ta' tranżizzjoni stabbilit fil-ftehim dwar il-ħruġ, il-ħruġ tar-Renju tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni ma jaffettwax l-applikabbiltà tad-Direttiva 2017/1132 fir-rigward tal-kawża prinċipali. Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-direttiva, ir-rikorrenti għandha dejjem titqies bħala kumpannija ta' Stat Membru ieħor.

a) Il-pożizzjonijiet tal-partijiet

45. Ir-rikorrenti ssostni li, skont l-Artikolu 30(1)(e) tad-Direttiva 2017/1132, il-ħatra, it-tmiem tal-kariga u l-identità tal-persuni li huma awtorizzati li jirrappreżentaw lill-kumpannija għandhom jiġu ppubblikati meta ssir ir-reġistrazzjoni ta' fergħa fir-reġistru kummerċjali. Minn din id-dispożizzjoni, hija tiddeduċi li d-Direttiva 2017/1132 tirregola b'mod eżawrjenti d-dettalji personali dwar id-diretturi. Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-premessa 8 ta' din id-direttiva, li skontha l-iżvelar għandu jippermetti lill-partijiet terzi li jsiru jafu, b'mod partikolari, l-identità tal-persuni li huma awtorizzati li jirrappreżentaw il-kumpannija.

46. Għall-kuntrarju, skont il-Gvern Ġermaniż, mill-Artikolu 30(1)(e) tad-Direttiva 2017/1132, interpretat *a contrario*, jirriżulta li din id-direttiva tikkonċerna esklużivament il-ħatra, it-tmiem tal-kariga u l-identità tar-rappreżentant tal-kumpannija. Barra minn hekk, skont dan il-gvern, l-obbligu li tiġi pprovduta l-assigurazzjoni li d-direttur ġie debitament informat dwar l-obbligu assolut tiegħu li jipprovdi kwalunkwe informazzjoni lill-qorti li żżomm ir-reġistru jirrigwarda l-parti tal-proċedura tar-reġistrazzjoni tal-kumpanniji dwar ir-reġistrazzjoni ta' fergħa. Dan l-obbligu huwa previst minn regola ta' proċedura.

47. F'din il-linja ta' ħsieb, il-Kummissjoni ssostni li l-assigurazzjoni li għandha tiġi pprovduta fir-rigward tal-kapaċità personali tad-direttur ma tikkostitwixxix żvelar tal-karatteristiċi deċiżivi ta' fergħa, iżda kundizzjoni amministrattiva u proċedurali, imposta mid-dritt Ġermaniż tal-kumpanniji.

b) Evalwazzjoni

48. Sabiex tingħata risposta utli għall-ewwel parti tat-tieni domanda preliminari, għandu jiġi ddeterminat jekk l-obbligi imposti fid-dritt Ġermaniż jikkostitwixxux obbligi ta' żvelar fis-sens tal-Artikolu 30 tad-Direttiva 2017/1132 jew – kif isostnu, essenzjalment, il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni – kundizzjonijiet għall-kostituzzjoni jew għar-reġistrazzjoni ta' kumpannija jew ta' fergħa tagħha.

49. F'dan il-kuntest, mis-sentenza Inspire Art jistgħu joħorġu lezzjonijiet utli [14].

50. Minn dik is-sentenza jirriżulta, minn naħa, li dispożizzjoni nazzjonali li timponi li fir-reġistru kummerċjali tal-Istat ospitanti għandu jiġi indikat id-domiċilju tas-soċju uniku taqa' taħt l-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/666 u, konsegwentement, taqa' taħt l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2017/1132. Fil-fatt, f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/666 jipprekludi dispożizzjoni li tipprevedi, fir-rigward tal-fergħa ta' kumpannija kkostitwita skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor, tali obbligu, peress li dan ma huwiex previst mid-Direttiva 89/666 [15]. Issa, sabiex id-Direttiva 89/666 tkun tista' tipprekludi tali obbligu, dan għandu jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* ta' din id-direttiva.

51. Fil-fatt, l-Artikolu 2(1)(e) tad-Direttiva 89/666 kien jipprevedi – kif inhu previst attwalment fl-Artikolu 30(1)(e) tad-Direttiva 2017/1132 – li l-obbligu ta' żvelar kien intiż għad-dokumenti u d-dettalji dwar il-ħatra, it-tmiem tal-kariga, kif ukoll l-*identità* tal-persuni li huma awtorizzati li jirrappreżentaw lill-kumpannija fir-rigward ta' partijiet terzi u fi proċeduri legali. F'dan il-kuntest, skont il-premessi 8 u 16 tad-Direttiva 2017/1132, l-obbligu ta' żvelar iservi sabiex jipproteġi

[14] Sentenza tat-30 ta' Settembru 2003 (C-167/01, EU:C:2003:512).

[15] Sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Inspire Art (C-167/01, EU:C:2003:512, punti 65 u 73).

partijiet terzi li, permezz ta' fergħa, jittrattaw mal-kumpannija. Fil-prinċipju, l-għarfien tad-domiċilju tar-rappreżentant tal-kumpannija ma huwiex utli għall-protezzjoni ta' dawn il-partijiet terzi. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-iżvelar tad-domiċilju ta' rappreżentant, għalkemm jikkonċerna r-rappreżentant u, bħala obbligu ta' żvelar, jaqa' taħt id-Direttivi 89/666 u 2017/1132, ma jippermettix li, bħala tali, jiġi identifikat dan ir-rappreżentant. Konsegwentement, dan l-iżvelar ma jistax jiġi assimilat mal-iżvelar tad-"dettalji" fis-sens ta' dawn id-direttivi.

52. Min-naħa l-oħra, mis-sentenza Inspire Art [16] jirriżulta li d-Direttiva 89/666 ma kinitx tapplika, għall-kuntrarju, għad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jissuġġettaw il-ftuħ ta' fergħa fi Stat Membru ospitanti għal ċerti regoli previsti f'dan l-Istat Membru għall-kostituzzjoni ta' kumpannija. L-istess għandu japplika għad-Direttiva 2017/1132.

53. Jekk il-lezzjonijiet mis-sentenza Inspire Art [17] jiġu trasposti f'din il-kawża, iqumu dubji dwar jekk obbligu li tiġi pprovduta assigurazzjoni għaċ-ċirkustanzi li jistgħu jwasslu għat-tneħħija ta' rappreżentant ta' kumpannija jistax jiġi assimilat ma' obbligu ta' żvelar. Fil-fatt, mill-Artikolu 6(2) tal-GmbHG jirriżulta li din l-assigurazzjoni tirrigwarda ċirkustanzi li, b'mod partikolari meta tiġi kkostitwita kumpannija fil-Ġermanja, jiddeterminaw qabel kollox il-kapaċità personali ta' min ikun irreġistrat bħala d-direttur tagħha. Barra minn hekk, fir-rigward tal-assigurazzjoni li nutar, membru tal-professjoni legali komparabbli jew uffiċjal konsulari jkun informa lid-direttur dwar l-obbligu assolut tiegħu li jipprovdi informazzjoni lill-qorti, il-qorti tar-rinviju tindika li, fin-nuqqas ta' din l-assigurazzjoni, "[ma tista'] issir l-ebda reġistrazzjoni fir-reġistru kummerċjali". F'ċerti ċirkustanzi, l-għoti ta' din l-aħħar assigurazzjoni jikkundizzjona wkoll il-possibbiltà li jiġu imposti pieni kriminali fuq direttur. Konsegwentement, l-obbligu għal direttur li jipprovdi dawn iż-żewġ assigurazzjonijiet ma huwiex għalhekk komparabbli għall-issuġġettar tal-ftuħ ta' fergħa fi Stat Membru ospitanti għall-obbligi ta' żvelar, iżda huwa komparabbli għall-issuġġettar ta' dan l-istabbiliment għal ċerti regoli previsti f'dan l-Istat Membru għall-kostituzzjoni ta' kumpannija.

54. Barra minn hekk, il-fatt li l-assigurazzjonijiet dwar iċ-ċirkustanzi marbuta mal-kapaċità personali jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2017/1132 huwa kkorroborat ukoll mid-Direttiva 2019/1151.

55. Bħalma jindika l-Gvern Ġermaniż, id-Direttiva 2019/1151 introduċiet, fid-Direttiva 2017/1132, dispożizzjonijiet dwar "diretturi skwalifikati". Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, tagħmel riferiment b'mod partikolari għall-Artikolu 13i(2) tad-Direttiva 2017/1132, kif emendata bid-Direttiva 2019/1151, li jipprevedi li "[l-]Istati Membri jistgħu jeħtieġu li l-persuni li japplikaw biex isiru diretturi jiddikjaraw jekk ikunux konxji minn xi ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal skwalifika fl-Istat Membru kkonċernat" u li "[l-]Istati Membri jistgħu jirrifjutaw il-ħatra ta' persuna bħala direttur ta' kumpanija fejn din il-persuna hija attwalment skwalifikata milli taġixxi bħala direttur fi Stat Membru ieħor".

56. F'dan il-kuntest, l-unika modifika li saret għall-Artikolu 1 tad-Direttiva 2017/1132, li jiddefinixxi l-għan tagħha [18], mid-Direttiva 2019/1151 hija l-inklużjoni tas-sentenza li skontha d-direttiva tistabbilixxi wkoll miżuri li jikkonċernaw "ir-regoli dwar il-formazzjoni online tal-kumpaniji, ir-reġistrazzjoni online tal-fergħat tagħhom u dwar il-preżentazzjoni online ta' dokumenti u informazzjoni mill-kumpaniji u l-fergħat". B'dan il-mod, jista' jiġi dedott li ċerti

[16] Sentenza tat-30 ta' Settembru 2003 (C-167/01, EU:C:2003:512, punti 65, 73, 101 u 105).

[17] Sentenza tat-30 ta' Settembru 2003 (C-167/01, EU:C:2003:512).

[18] Ara l-punt 42 ta' dawn il-konklużjonijiet.

dispożizzjonijiet nazzjonali dwar id-dikjarazzjonijiet tal-kandidati diretturi fir-rigward tal-impedimenti għall-ħatra ta' diretturi ta' kumpanniji, imsemmija fl-Artikolu 13i tad-Direttiva 2017/1132, kif emendata bid-Direttiva 2019/1151, jikkostitwixxu, għal-leġiżlatur tal-Unjoni, regoli dwar il-kostituzzjoni ta' kumpanniji jew ir-reġistrazzjoni ta' fergħat. Għall-kuntrarju, għal dan il-leġiżlatur, sabiex nużaw it-termini tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2017/1132 fil-formulazzjoni oriġinali tagħhom, dawn id-dispożizzjonijiet ma jikkonċernawx "ir-rekwiżiti tal-iżvelar rigward il-fergħat miftuħa fi Stat Membru minn ċerti tipi ta' kumpaniji regolati bil-liġijiet ta' Stat ieħor".

57. Għalhekk, għandu jitqies li l-obbligi msemmija fit-tieni domanda preliminari ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2017/1132. B'teħid inkunsiderazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punt 27 ta' dawn il-konklużjonijiet, issa għandu jiġi eżaminat jekk dawn l-obbligi humiex konformi mal-Artikoli 49 u 54 TFUE.

C. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali fir-rigward tal-libertà ta' stabbiliment

58. Il-qorti tar-rinviju nnifisha tqis li l-obbligi imposti, skont id-dritt Ġermaniż, fuq id-direttur ta' kumpannija ta' Stat Membru ieħor li jfittex li jistabbilixxi fergħa fi Stat Membru ieħor jikkostitwixxu restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment.

59. F'dan ir-rigward, kif tinnota l-qorti tar-rinviju, il-miżuri nazzjonali li jistgħu jfixklu jew jagħmlu inqas attraenti l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mid-dritt primarju għandhom jissodisfaw erba' kundizzjonijiet sabiex ikunu konformi ma' dan tal-aħħar. Fl-ewwel lok, dawn il-miżuri għandhom jiġu applikati b'mod nondiskriminatorju, fit-tieni lok, jiġu ġġustifikati b'raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, fit-tielet lok, ikunu xierqa sabiex jiggarantixxu t-twettiq tal-għan li huma jfittxu u, fir-raba' lok, li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex dan jintlaħaq [19].

60. Il-qorti tar-rinviju tispjega li, skont il-leġiżlatur Ġermaniż, l-obbligi dwar l-assigurazzjonijiet imsemmija fit-tieni domanda preliminari jiġu ġġustifikati mill-ħtieġa imperattiva ta' protezzjoni tal-kummerċ minn rappreżentanti ta' kumpannija li ma humiex kompetenti. L-għan huwa li jiġi evitat li persuni li ma humiex kompetenti fid-dritt Ġermaniż jirreġistraw fergħa fil-Ġermanja, bħala rappreżentanti ta' kumpannija barranija, u b'dan il-mod jevitaw l-impedimenti għall-ħatra ta' diretturi ta' kumpanniji fis-seħħ f'dan l-Istat Membru. Il-qorti tar-rinviju tindika li, skontha, dawn l-obbligi jissodisfaw raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, jiġifieri l-protezzjoni tal-kredituri u tal-lealtà tat-tranżazzjonijiet kontra rappreżentanti ta' kumpannija b'nuqqas ta' kapaċità.

61. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tqis li l-obbligi inkwistjoni jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija, sa fejn id-diretturi tal-kumpannija barranija jkunu suġġetti għal obbligu ta' dikjarazzjoni li huwa marbut ma' pieni kriminali. Issa, ma jistax jiġi mitlub li diretturi barranin ikollhom għarfien profond tad-dritt intern applikabbli għall-impedimenti għall-ħatra tagħhom.

62. Barra minn hekk, l-impożizzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti timmira biss li jiġi ggarantit b'mod preventiv li l-impedimenti għall-ħatra li jirriżultaw mid-dritt Ġermaniż ma jkunux evitati billi tiġi stabbilita fergħa. Għalhekk, dan huwa intiż sabiex jiġi evitat it-twettiq ta' abbużi mil-libertà ta'

[19] Sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Inspire Art (C-167/01, EU:C:2003:512, punt 133).

stabbiliment u frodi minn rappreżentanti tal-kumpannija b'nuqqas ta' kapaċità fid-dawl ta' dan id-dritt. Issa, fid-dawl tas-sentenza Centros [20], dan ma għandux jiġġustifika rifjut ta' reġistrazzjoni tal-fergħa.

1. Il-pożizzjonijiet tal-partijiet

63. Il-partijiet kollha jaċċettaw li l-obbligi msemmija fit-tieni domanda preliminari jikkostitwixxu, fir-rigward tal-Artikoli 49 u 54 TFUE, restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment, inkluż ir-rikorrenti fil-każ fejn dawn l-obbligi ma jaqgħux taħt id-Direttiva 2017/1132.

64. Ir-rikorrenti taqbel mal-pożizzjoni tal-qorti tar-rinviju u tqis li dan huwa każ ta' restrizzjoni tal-libertà ta' stabbiliment li tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħha. F'din il-linja, il-Kummissjoni ssostni li l-assigurazzjonijiet inkwistjoni huma mitluba minkejja l-fatt li d-direttur ikun diġà ġie maħtur bħala direttur ta' kumpannija b'mod konformi fi Stat Membru ieħor. Għalhekk, dan id-direttur għandu jipprovdi għal darba oħra provi dwar il-kapaċità tiegħu li jkun direttur. Dan jikser il-prinċipju ta' proporzjonalità, li huwa maħsub b'mod partikolari sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' formalitajiet, jiġifieri t-twettiq mill-ġdid ta' formalitajiet diġà mwettqa fi Stat Membru ieħor.

65. Għall-kuntrarju, il-Gvern Ġermaniż isostni li l-Artikoli 49 u 54 TFUE ma jipprekludux l-obbligu inkwistjoni, li huwa ġġustifikat minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali, jiġifieri dak li tiġi protetta l-lealtà tal-kummerċ. Fil-fatt, l-obbligu inkwistjoni ma huwiex diskriminatorju, jippermetti li jintlaħaq b'mod adegwat l-għan imfittex u huwa proporzjonat. Riċerki mwettqa mill-qorti Ġermaniża stess li żżomm ir-reġistru fir-rigward tal-eżistenza ta' impedimenti eżistenti għall-ħatra lanqas ma jiggarantixxu t-twettiq b'mod adegwat ta' dan l-għan. Tali riċerki ma jkunux possibbli jekk mhux bil-preżenza ta' sistema preeżistenti ta' skambju awtomatiku ta' informazzjoni bejn ir-reġistri tal-Istati Membri, sistema li ġiet prevista biss għall-ewwel darba mill-Artikolu 13i tad-Direttiva 2017/1132, introdott mid-Direttiva 2019/1151. Barra minn hekk, l-obbligu li tiġi pprovduta l-assigurazzjoni msemmija fl-Artikolu 8 tal-GmbHG huwa adegwat, peress li dan ifittex li jiggarantixxi b'mod preventiv li l-impedimenti nazzjonali għall-ħatra ma jiġux evitati bl-istabbiliment ta' fergħat ta' kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor.

2. Evalwazzjoni

a) L-applikazzjoni tal-impedimenti għall-ħatra ta' diretturi ta' kumpanniji għall-fergħat tal-kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħrajn

66. Għandu jiġi nnotat, qabelxejn, li l-obbligi msemmija fit-tieni domanda preliminari huma applikati, b'mod preventiv u ġenerali, għall-kumpanniji diġà stabbiliti konformement mad-dritt ta' Stat Membru ieħor u għad-diretturi ta' tali kumpanniji, minkejja li dawn huma rreġistrati bħala diretturi ta' dawn il-kumpanniji fl-Istat Membru ta' stabbiliment tagħhom. Għalhekk,

[20] Sentenza tad-9 ta' Marzu 1999, Centros (C-212/97, EU:C:1999:126, punt 38).

l-applikazzjoni ta' dawn l-obbligi għad-diretturi tal-kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħrajn tistrieħ fuq il-premessa li l-impedimenti għall-ħatra ta' diretturi ta' kumpanniji, previsti fid-dritt Ġermaniż, huma applikabbli għal dawn id-diretturi [21].

67. B'teħid inkunsiderazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet ippreżentati fil-punt 56 ta' dawn il-konklużjonijiet, għal-leġiżlatur tal-Unjoni, tali impedimenti huma konnessi mal-kundizzjonijiet dwar il-kostituzzjoni ta' kumpanniji jew, possibbilment, mar-reġistrazzjoni tal-fergħat tagħhom.

68. Il-kumpanniji msemmija fl-Artikolu 54 TFUE għandhom id-dritt li jeżerċitaw l-attività tagħhom fi Stat Membru ieħor, b'mod partikolari, permezz ta' fergħa u, għal dawn il-kumpanniji, il-post li fih jinsab l-uffiċċju rreġistrat tagħhom, l-amministrazzjoni ċentrali tagħhom jew l-istabbiliment prinċipali tagħhom iservu sabiex tiġi ddeterminata l-konnessjoni tagħhom mal-ordinament ġuridiku ta' Stat Membru [22]. Il-libertà ta' stabbiliment għal dawn il-kumpanniji tinkludi, b'mod partikolari, il-kostituzzjoni u l-ġestjoni tal-imsemmija kumpanniji taħt il-kundizzjonijiet iddefiniti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' stabbiliment għall-kumpanniji tiegħu stess. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li l-applikazzjoni tal-impedimenti għall-ħatra ta' diretturi ta' kumpanniji previsti fid-dritt Ġermaniż ma tidhirx li tistrieħ fuq il-kunsiderazzjoni li, għaliex fergħa tinsab fil-Ġermanja, dan jimplika li kumpannija tkun totalment konnessa mal-ordinament ġuridiku ta' dan l-Istat Membru [23].

69. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ċertament huwa minnu li l-fatt li r-reġistrazzjoni ta' fergħa tkun suġġetta għal ċerti kundizzjonijiet supplimentari li joħolqu dawn l-impedimenti fid-dritt ta' Stat Membru li ma huwiex dak tal-Istat Membru ta' stabbiliment tal-kumpannija, li din il-kumpannija hija konnessa miegħu, ma jikkostitwixxix ċaħda tal-libertà ta' stabbiliment [24]. Madankollu, dan il-fatt jagħmel reġistrazzjoni, tal-inqas, iktar diffiċli u għalhekk jikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment [25].

70. Huwa minnu wkoll li l-kundizzjonijiet inkwistjoni ma humiex dwar kumpannija nnifisha iżda direttament dwar il-kapaċità personali tad-direttur ta' kumpannija. Madankollu, in-nuqqas ta' osservanza tal-imsemmija kundizzjonijiet twassal sabiex ir-reġistrazzjoni ta' fergħa ta' din il-kumpannija tiġi rrifjutata. Għalhekk, għandu jitqies li l-impedimenti għall-ħatra ta' diretturi ta'

[21] F'din il-linja ta' ħsieb, bħala tweġiba għall-mistoqsija tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni indikat li l-obbligi msemmija fit-tieni domanda preliminari għandhom l-effett li jagħmlu d-dritt Ġermaniż dwar l-iskwalifika ta' diretturi applikabbli għad-diretturi ta' kumpanniji rreġistrati fi Stati Membri oħrajn li jixtiequ jiftħu fergħat fil-Ġermanja. Barra minn hekk, billi jagħmel riferiment għad-dokumenti ppreżentati matul il-proċedura leġiżlattiva, il-Gvern Ġermaniż jindika li "l-uniku għan hawnhekk huwa li jiġi evitat li persuni mhux kompetenti fid-dritt Ġermaniż – pereżempju persuni li ma jistgħux jerġgħu jinħatru bħala diretturi ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata – jirreġistraw, bħala rappreżentanti ta' kumpannija barranija, fergħa fil-Ġermanja".

[22] Ara s-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Inspire Art (C-167/01, EU:C:2003:512, punt 97 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[23] Il-qorti tar-rinviju tindika li l-obbligi msemmija fit-tieni domanda preliminari japplikaw bl-istess mod għall-"kumpanniji barranin fejn huma involuti diretturi barranin, ikkostitwiti barra mill-pajjiż u li fil-fatt għandhom l-istabbiliment prinċipali tagħhom hemmhekk". Fuq din il-kwistjoni, ara Avout, L., "L'entreprise et les conflits internationaux de lois", *Recueil des cours de l'Académie de la Haye*, 2019, Vol. 397, p. 264.

[24] Ara, *a contrario*, fir-rigward tad-dritt ta' Stat Membru, meta kumpannija kkostitwita konformement mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor li fit-territorju tiegħu għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha tiġi meqjusa li ttrasferixxiet l-uffiċċju rreġistrat tagħha f'dan l-ewwel Stat, sabiex din il-kumpannija tiċċaħħad mill-kapaċità ġuridika (sentenza tal-5 ta' Novembru 2002, Überseering, C-208/00, EU:C:2002:632, punt 93. Ara wkoll, b'analoġija, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża McCarthy *et*, C-202/13, EU:C:2014:345, punti 138 u 139).

[25] Ara, f'dan is-sens, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-impedimenti għall-ħatra fir-rigward ta' fergħat tal-kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor, Ebke, W.F., "The 'Real Seat' Doctrine in the Conflict of Corporate Laws", *The International Lawyer*, 2002, Vol. 36, p. 1031, nota f'qiegħ il-paġna 112; Gerner-Beuerle, C., Mucciarelli, F., Schuster, E., Siems, M., "Study on the Law Applicable to Companies. Final Report", *Publications Office of the European Union*, 2016, il-Lussemburgu, p. 139; Sørensen, K. E., "Branches of Companies in the EU: Balancing the Eleventh Company Law Directive, National Company Law and the Right of Establishment", *European Company and Financial Law Review*, 2014, Vol. 11(1), p. 83; kif ukoll Tridimas, T., "Abuse of Rights in the EU Law: Some Reflections with Particular Reference to Financial Law", f'Feria, R., Vogenauer, S. (edituri), *Prohibition of Abuse of Law: A New General Principle of EU Law*? Hart Publishing, 2011, p. 178, Oxford - Portland.

kumpanniji fid-dritt Ġermaniż ma japplikawx fil-kuntest tal-attività proprja tal-kumpanniji iżda jikkonċernaw, għall-kuntrarju, il-kostituzzjoni ta' kumpannija jew l-istabbiliment ulterjuri tagħha fi Stat Membru ieħor [26].

71. Barra minn hekk, fis-sentenza Segers [27], il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li diskriminazzjoni fir-rigward tal-protezzjoni soċjali ta' direttur abbażi tal-post li jinsab fih l-uffiċċju rreġistrat tal-kumpannija li huwa jmexxi tirrestrinġi indirettament il-libertà tal-kumpanniji ta' Stat Membru ieħor li jiġu stabbiliti, permezz ta' aġenzija, fergħa jew sussidjarja, fl-Istat Membru kkonċernat. *A fortiori*, l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet supplimentari li joħolqu impedimenti għall-ħatra ta' diretturi ta' kumpanniji tirrestrinġi wkoll din il-libertà.

72. F'dan il-kuntest, Stat Membru li fih tiġi mitluba r-reġistrazzjoni ta' fergħa jista' jadotta miżuri, billi jirrikorri għall-possibbiltajiet offruti mit-Trattat, sabiex jimpedixxi li xi wħud miċ-ċittadini tiegħu jippruvaw jevitaw abbużivament l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom [28]. Għalhekk, għandu jiġi ddeterminat jekk l-applikazzjoni, fir-rigward tal-fergħat ta' kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħrajn, tal-impedimenti għall-ħatra ta' diretturi ta' kumpanniji fis-seħħ fi Stat Membru partikolari tistax tiġi ġġustifikata fir-rigward ta' dan l-għan.

b) Fuq il-ġlieda kontra l-użu abbużiv tal-libertà ta' stabbiliment

73. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-kunċett ta' "abbuż ta' dritt" jikkostitwixxi kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni li skontu "id-dikjarazzjoni li l-kwistjoni hija waħda ta' prattika abbużiva tenħtieġ, minn naħa, il-konkorrenza ta' ċirkustanzi oġġettivi, minn fejn jirriżulta li, minkejja l-osservanza formali tal-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni [tal-Unjoni], l-għan fil-mira ta' din il-leġiżlazzjoni ma ntlaħaqx. Hija meħtieġa, min-naħa l-oħra, element suġġettiv li jikkonsisti fir-rieda li jinkiseb xi benefiċċju li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni [tal-Unjoni] billi jinħolqu b'mod artifiċjali l-kundizzjonijiet mitluba għall-kisba tiegħu" [29].

74. Fil-kuntest tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-għanijiet imfittxija mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li parti f'kawża ma tistax tinvoka b'mod abbużiv jew frawdolenti, fis-sentenza Centros [30], il-Qorti tal-Ġustizzja dehret tagħmel distinzjoni fid-dispożizzjonijiet nazzjonali li l-persuni interessati kienu qegħdin jipprovaw li jevitaw l-applikazzjoni tagħhom, bejn, minn naħa waħda, regoli dwar il-kostituzzjoni ta' kumpanniji u, min-naħa l-oħra, regoli dwar l-eżerċizzju ta' ċerti attivitajiet professjonali. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni kienu jaqgħu perfettament f'din l-ewwel kategorija u, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, li l-applikazzjoni tagħhom ma kinitx ġustifikabbli fuq il-bażi tal-ġlieda kontra l-użu abbużiv tal-libertà ta' stabbiliment. Id-duttrina ddeduċiet li jista' jkun iktar faċli li jiġi invokat l-abbuż fil-każijiet fejn l-intenzjoni tkun li tiġi evitata l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-eżerċizzju ta' ċerti attivitajiet professjonali [31].

[26] Ara, *a contrario*, is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2015, Kornhaas (C-594/14, EU:C:2015:806, punt 28). F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali li bl-ebda mod ma kienet tikkonċerna l-kostituzzjoni ta' kumpannija fi Stat Membru partikolari u lanqas l-istabbiliment ulterjuri tagħha fi Stat Membru ieħor u li, għall-kuntrarju, kienet tapplika fil-kuntest tal-attività ta' din il-kumpannija, ma setgħetx tinċidi fuq il-libertà ta' stabbiliment.

[27] Sentenza tal-10 ta' Lulju 1986 (79/85, EU:C:1986:308, punt 15).

[28] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2017, Polbud – Wykonawstwo (C-106/16, EU:C:2017:804, punt 39).

[29] Ara s-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2000, Emsland-Stärke (C-110/99, EU:C:2000:695, punti 52 u 53).

[30] Ara s-sentenza tad-9 ta' Marzu 1999, Centros (C-212/97, EU:C:1999:126, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[31] Ara, f'dan is-sens, Sørensen, K.E., "The fight against letterbox companies in the internal market", *Common Market Law Review*, 2015, Vol. 25(1), p. 92, u Munari, F., Terrile, P., "The Centros case and the rise of an EC market for corporate law", f'Ferrarini, G., Hopt, K. J., Wymeersch, E. (edituri), Capital Market in the Age of the Euro: Cross-Border Transactions, Listed Companies and Regulation, Kluwer Law International, The Hague - Londra - New York, 2002, p. 47.

75. Madankollu, l-impedimenti għall-ħatra ta' diretturi ta' kumpanniji previsti fid-dritt Ġermaniż japplikaw fir-rigward ta' kwalunkwe attività professjonali mwettqa permezz ta' fergħa u huma konnessi, fid-dawl tal-emendi introdotti mid-Direttiva 2019/1151, mal-kundizzjonijiet dwar il-kostituzzjoni ta' kumpanniji jew ir-reġistrazzjoni ta' fergħat [32].

76. Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-eżistenza ta' abbuż jew ta' frodi ma tistax tiġi preżunta b'mod sistematiku u ġġeneralizzat. Fil-fatt, iċ-ċaħda tal-benefiċċju tal-libertà ta' stabbiliment minħabba aġir abbużiv jew frawdolenti għandha ssir fuq bażi ta' każ b'każ [33].

77. F'dan il-kuntest, l-ebda element, oġġettiv jew suġġettiv, ma jippermetti li jiġi meqjus li l-fatt li ssir talba għar-reġistrazzjoni ta' fergħa fir-reġistru kummerċjali fil-kawża prinċipali jikkostitwixxi aġir abbużiv jew frawdolenti. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tindika li ma teżisti ebda ċertezza li jeżisti f'dan il-każ fir-rigward tad-direttur impediment għall-ħatra tiegħu fid-dawl tad-dritt Ġermaniż u xejn ma jindika li tali projbizzjoni teżisti. L-applikazzjoni preventiva u ġenerali tal-impedimenti għall-ħatra ta' diretturi ta' kumpanniji previsti skont id-dritt Ġermaniż, kif ukoll tal-obbligi msemmija fit-tieni domanda preliminari bħala parti mill-ġlieda kontra l-użu abbużiv tal-libertà ta' stabbiliment, għalhekk tidher li tistrieħ fuq il-premessa li skontha kull reġistrazzjoni ta' fergħa fil-Ġermanja titwettaq sabiex jiġu evitati tali impedimenti. Issa, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ippreżentati fil-punt preċedenti, la l-applikazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet u lanqas l-applikazzjoni ta' dawn l-obbligi ma jistgħu jitqiesu li huma konformi mal-Artikoli 49 u 54 TFUE f'dan ir-rigward.

78. Sussidjarjament, il-Gvern Ġermaniż isostni li l-emendi magħmula mid-Direttiva 2019/1151 għad-diretturi skwalifikati [34] juru li l-Istati Membri jibqgħu awtorizzati, taħt din id-direttiva, sabiex jiddefinixxu huma stess il-kapaċità personali mitluba mir-rappreżentant ta' kumpannija. Skont dan il-gvern, ma hemm l-ebda raġuni għalfejn l-Istati Membri ma jistgħux jirrikorru għall-istrument tal-kontroll preventiv tal-abbużi.

79. Madankollu, dawn l-emendi – li ma japplikawx fil-kawża prinċipali – ma jqajmux dubji dwar il-kunsiderazzjonijiet ippreżentati fil-punti preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet.

80. Ċertament, il-premessa 3 tad-Direttiva 2019/1151 tiddikjara li din tfittex li tipprevedi l-miżuri ta' protezzjoni meħtieġa kontra l-abbużi u l-frodi. F'dan il-kuntest, il-premessa 23 ta' din id-direttiva tippermetti lill-Istati Membri li jirrifjutaw il-ħatra ta' persuna bħala direttur ta' kumpannija filwaqt li jitqies mhux biss l-aġir preċedenti ta' din il-persuna fit-territorju tagħha stess, iżda, kif jipprevedi d-dritt nazzjonali, anki informazzjoni pprovduta minn Stati Membri oħrajn. Fl-istess sens, il-premessa 24 tindika li, sabiex ikun żgurat li l-persuni kollha li jinteraġixxu mal-kumpanniji jew mal-fergħat huma mħarsa u li jiġi evitat l-aġir frawdolenti jew abbużiv, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jivverifikaw jekk il-persuna nominata għal direttur tkunx ipprojbita milli twettaq il-funzjonijiet ta' direttur.

[32] Ara l-punt 56 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[33] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Marzu 1999, Centros (C-212/97, EU:C:1999:126, punt 25). Ara wkoll Tridimas, T., "Abuse of Rights in the EU Law: Some Reflections with Particular Reference to Financial Law", f'Feria, R., Vogenauer, S. (edituri), *Prohibition of Abuse of Law: A New General Principle of EU Law*?,, Hart Publishing, Oxford – Portland, 2011, p. 178.

[34] Skont l-Artikolu 13i tad-Direttiva 2017/1132, kif emendat bid-Direttiva 2019/1151, b'"diretturi" wieħed għandu jifhem mill-inqas il-persuni msemmija fl-Artikolu 14(d)(i) ta' din l-ewwel direttiva, jiġifieri l-persuni li, bħala korp legalment previst, jew membri ta' tali korp, huma awtorizzati li jirrappreżentaw lill-kumpanija fir-rigward ta' partijiet terzi u fi proċeduri legali. F'dan ir-rigward, minn din it-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li, skont it-terminoloġija użata mill-qorti tar-rinviju, "direttur tal-kumpannija" huwa fil-fatt ir-rappreżentant legali ta' din il-kumpannija. Għalhekk, jista' jiġi kkunsidrat bħala "direttur" fis-sens tad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq.

81. Skont l-espożizzjoni tal-motivi tal-abbozz tad-Direttiva 2019/1151[35], l-Artikolu 13i tad-Direttiva 2017/1132, kif emendata b'din l-ewwel direttiva, jistabbilixxi kuntest ġuridiku li jippermetti lill-Istati Membri jitolbu lill-Istati Membri l-oħrajn informazzjoni dwar id-diretturi skwalifikati. Skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri jistgħu jivverifikaw ma' Stati Membri oħrajn jekk persuna li ser tiġi rreġistrata bħala direttur ta' kumpannija hijiex imċaħħda mid-dritt li teżerċita din il-funzjoni fi Stat Membru ieħor fuq il-bażi tad-dritt nazzjonali ta' dan l-Istat Membru l-ieħor.

82. Issa, id-Direttiva 2019/1151 tistrieħ fuq il-premessa li, f'dan il-kuntest ġuridiku, il-prevenzjoni sistematika u ġġeneralizzata tal-aġir abbużiv jew frawdolenti, li jikkonsisti fl-istabbiliment ta' kumpannija fi Stat Membru ieħor sabiex tiġi evitata projbizzjoni ta' eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' direttur, tista' titwettaq fl-Istat Membru ta' stabbiliment tal-kumpannija. Huwa f'dan il-kuntest li Stat Membru jista', konformement mat-tieni sentenza tal-Artikolu 13i(2) tad-Direttiva 2017/1132, kif emendata bid-Direttiva 2019/1151, jirrifjuta l-ħatra ta' persuna bħala direttur ta' kumpannija jekk din il-persuna hija mċaħħda mid-dritt li teżerċita din il-funzjoni fi Stat Membru ieħor.

83. Din il-kunsiderazzjoni hija kkorroborata mill-analiżi ta' dispożizzjonijiet oħrajn introdotti mid-Direttiva 2019/1151.

84. Kif issostni l-Kummissjoni, konformement mal-Artikolu 13g(3)(f) tad-Direttiva 2017/1132, kif emendata bid-Direttiva 2019/1151, il-modalitajiet ta' kostituzzjoni online ta' kumpanniji li għandhom jistabbilixxu l-Istati Membri jinkludu, b'mod partikolari, regoli dwar il-"proċeduri li jivverifikaw il-ħatra tad-diretturi". L-Artikolu 28a ta' din id-direttiva jinkludi dispożizzjonijiet analogi dwar ir-reġistrazzjoni online ta' fergħat. Madankollu, il-lista fl-Artikolu 28a tal-imsemmija direttiva tal-oqsma li fihom l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-modalitajiet previsti, filwaqt li huma kollha simili ħafna għal dik li tinsab fl-Artikolu 13g, ma tagħmilx riferiment għall-proċeduri ta' verifika tad-diretturi.

85. Għad irid jiġi vverifikat jekk restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-impedimenti previsti fid-dritt Ġermaniż għall-ħatra ta' diretturi ta' kumpanniji tistax tiġi ġġustifikata abbażi ta' raġunijiet oħrajn invokati kemm mill-qorti tar-rinviju kif ukoll mill-Gvern Ġermaniż, jiġifieri l-protezzjoni tal-kredituri u tal-lealtà tal-kummerċ.

c) Fuq il-protezzjoni tal-kredituri u tal-lealtà tal-kummerċ

86. Għalkemm il-protezzjoni tal-kredituri u tal-lealtà tal-kummerċ tikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess ġenerali[36], il-miżuri ġġustifikati b'din ir-raġuni għandhom jissodisfaw ukoll il-kriterji ta' nondiskriminazzjoni, ta' effettività u ta' proporzjonalità, imsemmija fil-punt 59 ta' dawn il-konklużjonijiet.

87. Qabel kollox, sa fejn impedimenti tad-dritt Ġermaniż għall-ħatra ta' diretturi ta' kumpanniji japplikaw ukoll fir-rigward ta' kumpanniji stabbiliti fil-Ġermanja, xejn ma jindika li dawn il-kundizzjonijiet huma applikati b'mod diskriminatorju.

[35] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 fir-rigward tal-użu ta' għodod u proċessi diġitali fid-dritt soċjetarju, COM(2018) 239 final, p. 15.

[36] Ara s-sentenza tat-12 ta' Lulju 2012, VALE (C-378/10, EU:C:2012:440, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Inspire Art (C-167/01, EU:C:2003:512, punt 140).

88. Sussegwentement, fir-rigward tal-protezzjoni tal-kredituri u tal-lealtà tal-kummerċ, ċertament huwa minnu li l-fatt li persuna legalment maħtura bħala direttur ta' kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor tiġi mxekkla minn ostakoli għall-ħatra tagħha msemmija fil-punti 2 u 3 tat-tieni sentenza, u fit-tielet sentenza tal-Artikolu 6(2) tal-GmbHG, ma jimplikax neċessarjament li, permezz ta' fergħa, din il-persuna ma tkunx tista' tirrappreżenta l-kumpannija fir-rigward ta' terzi.

89. Madankollu, fid-dritt Ġermaniż, l-impedimenti għall-ħatra ta' diretturi ta' kumpanniji jieħdu l-forma, minn naħa, ta' projbizzjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tiġi eżerċitata professjoni jew attività li tikkorrispondi għall-attività tal-fergħa. Tali projbizzjoni hija imposta preċiżament sabiex tipproteġi l-kummerċ. Min-naħa l-oħra, fost impedimenti għall-ħatra ta' diretturi ta' kumpanniji jidhru wkoll dawk li jieħdu l-forma ta' kundanni għal ċerti reati kriminali intenzjonali, jiġifieri dawk marbuta mal-insolvenza, dawk li jikkonsistu fil-preżentazzjoni ta' informazzjoni falza jew mhux preċiża dwar il-kummerċ, u dawk li jikkonsistu fi frodi. Dawn il-kundanni biss jistgħu effettivament jirriflettu r-rieda li tiġi protetta l-lealtà tat-tranżazzjonijiet kummerċjali.

90. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-proporzjonalità tagħhom, jiena nqis li l-applikazzjoni tal-impedimenti tad-dritt Ġermaniż għall-ħatra ta' diretturi ta' kumpanniji ma jidhirx li tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan imfittex mill-applikazzjoni ta' dawn l-impedimenti. Għalkemm dawn l-impedimenti japplikaw ukoll għall-persuni li huma diġà legalment irreġistrati bħala diretturi ta' kumpanniji fi Stati Membri oħrajn, fl-assenza ta' armonizzazzjoni ta' tali impedimenti fil-livell tal-Unjoni, xejn ma jippermetti li jiġi preżunt li kull Stat Membru jipprevedi impedimenti simili, b'tali mod li l-applikazzjoni tal-impedimenti tad-dritt Ġermaniż għall-ħatra ta' diretturi ta' kumpanniji twassal għad-duplikazzjoni tal-impedimenti jew tal-formalitajiet. Barra minn hekk, fil-mument tal-istabbiliment ta' kumpannija, ma huwiex possibbli li jiġu antiċipati d-deċiżjonijiet kollha li jkunu ser jittieħdu fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-fergħat tagħha. Għalhekk, ma huwiex esklużi li l-Istat Membru ta' stabbiliment ta' kumpannija ma jkunx jista' kompletament jiżgura l-osservanza tal-obbligi ta' ħatra fis-seħħ fl-Istat Membru ospitanti tal-fergħat ta' din il-kumpannija. Barra minn hekk, l-applikazzjoni ta' dawn l-impedimenti tippermetti li tiġi żgurata l-effettività tal-projbizzjonijiet ġudizzjarji u amministrattivi li tiġi eżerċitata professjoni jew attività fit-territorju tal-Unjoni.

91. Fil-qosor, il-fatt li r-reġistrazzjoni ta' fergħa tiġi suġġetta għall-kundizzjonijiet supplimentari previsti mid-dritt ta' Stat Membru li ma huwiex dak tal-Istat Membru ta' stabbiliment, li joħolqu impedimenti għall-ħatra ta' diretturi ta' kumpanniji, kif jagħmel id-dritt Ġermaniż, jikkostitwixxi għalhekk restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment. Issa, din ir-restrizzjoni tista' tiġi ġġustifikata fuq il-bażi tal-protezzjoni tal-kredituri u tal-lealtà tal-kummerċ.

92. Issa għandu jiġi ddeterminat jekk l-istess japplikax għall-obbligi msemmija fit-tieni domanda preliminari. Il-kompatibbiltà tal-applikazzjoni tal-impedimenti għall-ħatra ta' diretturi ta' kumpanniji, li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, mad-dritt tal-Unjoni, ma timplikax neċessarjament li l-istess japplika għal kwalunkwe miżura intiża għall-verifika, skont din il-leġiżlazzjoni, tal-assenza ta' dawn l-ostakoli.

d) Fuq il-ġustifikazzjoni tal-obbligi inkwistjoni għall-protezzjoni tal-krediturі u tal-lealtà tal-kummerċ

93. Sa fejn l-obbligi msemmija fit-tieni domanda preliminari japplikaw taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-impedimenti għall-ħatra ta' diretturi ta' kumpanniji previsti fid-dritt Ġermaniż, xejn ma jippermetti li jitqies li dawn l-obbligi huma applikati b'mod diskriminatorju.

94. Fir-rigward tal-effettività tal-obbligu li tiġi pprovduta l-assigurazzjoni tal-ineżistenza ta' tali impedimenti, l-effettività ta' dan l-obbligu għall-protezzjoni tal-krediturі u tal-lealtà tal-kummerċ hija rrikonoxxuta mid-Direttiva 2019/1151. L-Artikolu 13i(2) tad-Direttiva 2017/1132, li ġie inkluż permezz tad-Direttiva 2019/1151, moqri fid-dawl tal-premessi 23 u 24 ta' din l-aħħar direttiva tipprevedi li, sabiex jiżguraw il-protezzjoni tal-persuni kollha li jinteraġixxu mal-kumpanniji, l-Istati Membri jistgħu jitolbu li "l-persuni li japplikaw biex isiru diretturi jiddikjaraw jekk ikunux konxji minn xi ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal skwalifika fl-Istat Membru kkonċernat".

95. Fl-assenza ta' sistema ta' skambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar l-impedimenti għall-ħatra ta' diretturi ta' kumpanniji, dan l-obbligu ma jidhirx li jmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan li jiġu protetti l-krediturі u l-lealtà tal-kummerċ, mingħajr ma jiġi impost piż irraġonevoli fuq il-persuni kkonċernati. Barra minn hekk, l-għarfien tar-regoli mandatorji tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni ta' fergħa li joħolqu l-impedimenti marbuta mal-affidabbiltà fil-kummerċ, bħal dawk previsti fid-dritt Ġermaniż, ma jidhirx li jitlob studju eċċezzjonalment profond ta' dan id-dritt.

96. Għalkemm l-obbligu li tiġi pprovduta l-assigurazzjoni tal-ineżistenza ta' impedimenti għall-ħatra ta' diretturi ta' kumpanniji huwa ġġustifikat, dan ma jgħoddx għall-obbligu li tiġi pprovduta l-assigurazzjoni li nutar, membru tal-professjoni legali komparabbli jew uffiċjal konsulari jkun informa lid-direttur dwar l-obbligu assolut tiegħu li jipprovdi kwalunkwe informazzjoni lill-qorti.

97. Fil-fatt, xejn ma jiġġustifika li din l-assigurazzjoni għandha tiġi pprovduta neċessarjament minn direttur u li ma tistax tkun ipprovduta mill-persuna li tkun informatu dwar l-obbligu li tiġi pprovduta kwalunkwe informazzjoni lill-qorti li żżomm ir-reġistru. Barra minn hekk, l-obbligu li tiġi pprovduta din l-assigurazzjoni pjuttost jirriżulta mir-regoli tad-dritt nazzjonali dwar ir-responsabbiltà kriminali. Fl-assenza ta' din l-assigurazzjoni, il-persuna interessata jkollha d-dritt li ma tiddikjarax ċerti kundanni u s-sanzjonijiet previsti għal dikjarazzjonijiet foloz fir-rigward ta' dawn il-kundanni ma jiġux applikati fil-każ tagħha. Issa, l-interess ta' Stat Membru sabiex jestendi l-portata tar-responsabbiltà kriminali tad-diretturi għal dikjarazzjonijiet li jirrigwardaw l-eżistenza ta' impedimenti għall-ħatra tagħhom ma jistax ikun neċessarjament assimilat mal-interess li jiġu protetti l-krediturі. Huwa biżżejjed li d-diretturi, fil-prinċipju, ma jkunux eżentati milli jiddikjaraw dawn il-kundanni.

98. Sabiex inkun eżawrjenti, il-kunsiderazzjonijiet preċedenti għandhom ikunu bla ħsara għall-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' pieni kriminali marbuta mal-obbligi msemmija fit-tieni domanda preliminari.

V. Konklużjoni

99. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi t-tieni domanda preliminari magħmula mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) kif ġej:

1) Id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji għandha tiġi interpretata fis-sens li "żvelar obbligatorju" fis-sens tal-Artikolu 30 ta' din id-direttiva ma jinkludix l-obbligi li jimponu, meta ssir it-talba għar-reġistrazzjoni fir-reġistru kummerċjali ta' fergħa ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata li għandha s-sede tagħha fi Stat Membru ieħor, li d-direttur tal-kumpannija għandu jipprovdi assigurazzjoni, fir-rigward tal-persuna tiegħu, li ma hemm ebda impediment għall-ħatra tiegħu skont id-dritt nazzjonali – fil-forma ta' projbizzjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li jeżerċita professjoni jew attività li tikkorrispondi kompletament jew parzjalment mal-għan tal-kumpannija, jew fil-forma ta' kundanna definittiva għal ċerti reati kriminali – u li ġie informat minn nutar, membru tal-professjoni legali komparabbli jew uffiċjal konsulari dwar l-obbligu assolut tiegħu li jipprovdi, f'dan ir-rigward, kwalunkwe informazzjoni lill-qorti.

2) L-Artikoli 49 u 54 TFUE ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li skontha, meta ssir it-talba ta' reġistrazzjoni fir-reġistru kummerċjali ta' fergħa ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata li għandha s-sede tagħha fi Stat Membru ieħor, id-direttur tal-kumpannija għandu jipprovdi l-assigurazzjoni tal-ineżistenza ta' tali impedimenti għall-ħatra tiegħu.

3) L-Artikoli 49 u 54 TFUE jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li skontha d-direttur ta' din il-kumpannija għandu jipprovdi l-assigurazzjoni li nutar, membru tal-professjoni legali komparabbli jew uffiċjal konsulari jkun informah dwar l-obbligu assolut tiegħu li jipprovdi, f'dan ir-rigward, kwalunkwe informazzjoni lill-qorti.